# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 72/01mm**

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**vs**

**Miveda Company Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u hmistax-il lira Maltija u dsatax-il

centezmu (Lm915.19) import ta' merkanzija ta' ikel mibjugha ghal Ristorante de Vilhena u debitament konsenjata, kif jidher mill-'invoice' anness u mmarkat 'Dokument A'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-16 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socejta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-14 ta' Mejju, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.